d-dnub huwa fuq il-bniedem ta' skola li, għax jaf ftit, jippretendi li jaf kollox. Qajla jaħasra jinduna bl-għerf kollu tiegħu kemm jaħasra ma jaf xejn, kemm huwa prużuntuż u fil-fatt x'injoranza jkun qiegħed jixhed! Għalhekk il-Malti mhux miġjub u mistmum, kif jixraqlu, barra minn pajjiżu! Għalhekk dejjem iħalltuna mat-Taljani; ħaġa fenomena li tant jobogħduha l-Maltin ta' l-Awstralja!

Nifhmu li, jekk nużaw Malti tajjeb inkunu nuru ntelliġenza mhux injoranza, moħħ għani mhux moħħ fqir, għaqal u bżulija mhux għażż u bluha bħalma huwa l-każ ta' dawk li, mingħalihom jidħku bina. Inqumu issa, darba għal dejjem, fis-sebgħinijiet, u nsemmgħu leħinna; lekiema fostna, fil-qalbna tagħna. B'sidirna minn quddiem, noħorġu fil-beraħ, bl-abjad u l-aħmar iperpru mill-ġdid rebbeħin u ħakkiema fuq ġensna; il-Ġens Malti, mhux ħaddieħor dejjem ħakkiem fuqna. U b'dawn il-kelmtejn, lil dan il-Ġens Malti, hekk jiena nsellem;

VIVA DIN L-ART ĦELWA U VIVA L-ILSIEN ĦELU TAGĦNA!

* Nota: Jiena stess użajt idjoma taljanizzata. Stajt għedt "ma ħtejthiex" flok "ma tajthiex tort", u la kont inkun saffejt żejjed għaliex hija verb Malti, u lanqas ma kont inkun użajt kliem arkajku għaliex il-kelma tinsab f'fommna fil-'missierna' meta ngħidu "bħalma naħfru 'l min ħata għalina..." Għaldaqstant, iż-żewġ idjomi tiegħi huma t-tnejn tajbin u wżati iżda 'arja aperta' mhix għax hija ġdida misselfa, ma nambuhiex, għariba u żejda.

## REALTA'

Aktar marridx inħares
lejn ħwejjeġ ma jidhrux:
kulmeta ħarist lejhom
rajt iktar milli kienu
u xtaqthom ma kinux.

Kulmeta rrid xi ħaġa
se nfittex fija stess:
li hu tajjeb għalija
ġa jinsab fija moħbi —
ħsiebi mhux ħlief rifless.

Ġ. ABELA

18.3.70.



### "The Ġuże' Galea Memorial Lecture"

Il-President tal-Akkademja, il-Professur Kavalier Ġuże' Galea, M.B.E.,
K.M. M.D., D.P.H., F.R.S.H., u li wkoll għal għadd ta' snin għamilha tal-
Kap tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa, kif ukoll ta' Professur tal-Me-
diċina Forensika fl-Università Rjali ta' Malta, għoġbu jagħti somma sabiex
kull sentejn jingħata **honorarium** ta' ħamsin lira għal taħdita dwar l-istudju
xjentifiku tal-Lsien Malti u l-Letteratura tiegħu, fl-Università.
Is-Senat tal-Università laqa' dil-għotja. Madankollu, sabiex il-flus jit-
ħaddmu għall-ġid minnflok ma joqogħdu rieqda bħala ras il-ġmiel biss,
is-Senat u l-Professur Galea qablu li waqt li l-Università tagħmilha garanti
li kull sentejn tħallas ħamsin lira sabiex jingħataw għat-Taħdita b'Tifkira
Professur Ġuże' Galea, il-kapital jaqdi minnufih lill-Universita' sabiex
jixtru għal-Librerija kotba tal-Melitensia, u li kull ktieb mixtri b'din
is-somma jkollu isem il-Professur imħażżeż bħala tifkira.
Il-kliem iqanqal, l-egħmil ikaxkar; u naħseb f'kelmtejn ftehemna.
Għemejjel bħal dawn neħtieġuhom hawn Malta. Lill-barranin inħalluhom
ħalqhom miftuħ jaraw il-knejjes, il-palazzi u d-djar imżejnin, indurati, im-
pittrin, u mgħammrin b'żina liema bħalha. Dan ma fih xejn xi tlum fih
Madankollu, jidhirli, wasal iż-żmien nagħtu ħarsa lejn id-djar tat-tagħlim,
il-bibljoteki, il-għaqdiet tagħna, aktar milli qatt tajniehom fl-imgħoddi
Dwar it-Taħdita b'Tifkira Ġuże' Galea, xtaqt inżid li kif igħid il-Kun-
trat, barra r-Rettur Manjifiku tal-Università u l-Kap tad-Dipartiment tal-
Lsien Malti fl-Università Rjali ta' Malta, id-Donatur ried li jkun hemm rap-
preżentant tal-Akkademja fil-kummissjoni li tagħżel il-persuna li jistħoq-
qilha tagħti t-Taħdita.

### "The Hugh Muscat Azzopardi Fund"

Mis-sena 1972 imisshom jibdew il-għotjiet ta' flus li għandhom jin-
ġabru mill-"Fondazzjoni Hugh Muscat Azzopardi". It-testment tas-Sur u
s-Sinjura Hugh Muscat Azzopardi jrid li s-somma ta' għaxart elef lira jit-
qiegħdu fi ħsieb il-Gvern Malti sabiex dan jagħmilha ta' kuratur ta' dan
dan il-kapital, u l-interessi jaqdu ħalli jingħataw: (a) għaxar liri fis-sena
mid-Direttur tal-Edukazzjoni għal premjijiet fl-Iskejjel Sekondarji lil dawk
l-istudenti li jiġu minn ta' quddiem fl-Ilsien Ingliż; (b) għoxra lira kull
sena lill-"Għaqda", jew kif nafuha llum, l-Akkademja tal-Malti, bil-ħsieb
ta' għajnuna għal-Letteratura Maltija; (c) għoxrin lira fis-sena lis-Soċjetà
tal-Arti, Manifattura u Kummerċ għal premjijiet li għandhom ikunu magħ-
rufa bħala 'Premjijiet Muscat Azzopardi' għal klassijiet kif jaqta' l-Kumi-